**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ April 2023 – Gerhard Grund Gerüste vs EUIPO – Josef-Grund-Gerüstbau (Josef Grund Gerüstbau)**

**(Kawża T-749/21)** ([1])

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Josef Grund Gerüstbau – Trade mark figurattiva preċedenti nazzjonali grund – Raġuni relattiva ta’ invalidità – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Assenza ta’ xebh bejn is-sinjali – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)***

(2023/C 189/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Gerhard Grund Gerüste e.K. (Kamp-Lintfort, il-Ġermanja) (rappreżentant: P. Lee, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Eberl, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Josef-Grund-Gerüstbau GmbH (Erfurt, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Staupendahl, avukat)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-22 ta’ Settembru 2021 (Każ R 1925/2020-1).

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Gerhard Grund Gerüste e. K. hija kkundannata għall-ispejjeż.

([1]) ĠU C 37, 24.1.2022.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ April 2023 – OD vs Eurojust**

**(Kawża T-61/22)** ([1])

***(Servizz pubbliku – Membri tal-persunal temporanju – Assenzjazzjoni mill-ġdid temporanja fl-interess tas-servizz – Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal – Talba għal assistenza – Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal – Miżura provviżorja ta’ allontanament – Kunċett ta’ “att li jista’ jikkawża preġudizzju” – Dritt għal smigħ – Responsabbiltà)***

(2023/C 189/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* OD (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

*Konvenut:* L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (rappreżentanti: A. Terstegen-Verhaag u M. Castro Granja, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrenti titlob, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta’ Ġunju 2021, li permezz tagħha l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) ddeċidiet li tassenjaha mill-ġdid f’pożizzjoni ta’ [*kunfidenzjali*], kif ukoll, sa fejn ikun meħtieġ, tad-deċiżjoni tal-21 ta’ Ottubru 2021, li permezz tagħha Eurojust ċaħdet l-ilment tagħha tat-22 ta’ Ġunju 2021, u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu li sostniet wara dawn id-deċiżjonijiet.